MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 299/2007

**Forestals Building Materials and Services 2001 Limited (C27720)**

**Vs**

**Vincent Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Marzu 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm724.85) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` attrici tal-4 ta' Mejju 2007 li permezz taghha l-ammont riklamat gie ridott ghas-somma ta' hames mija u sitta u tmenin Liri Maltin u disa` u

tletin centezmu (Lm586.39) bl-imghax skond il-ligi mill-20 ta' April 2007, stante pagament akkont;

Ra n-nota ta' riduzzjoni ulterjuri tas-socjeta` attrici tad-19 ta' Novembru 2007 li permezz taghha l-ammont riklamat gie ridott ghas-somma ta' erba` mija u tmienja u tletin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm438.70) bl-imghax skond il-ligi mit-18 ta' Mejju 2007, stante pagament akkont;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u tmienja u tletin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm438.70), bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------